**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru 2016**

**Talba Nru: 506/15 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**BF Business Company Limited (C 55886)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-23 ta' Gunju 2015 u li permezz taghha talbet lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elf, mija u hamsa w sebghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€1,175.68) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta'

komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40195374 moghtija mis-socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati:

Dok. IZY 1 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C 40195374 u

Dok. IZY 2 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40195374

Dok. IZY 3 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji

Dok. IZY 4 – kopja ta' ittra ufficcjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Is-socjeta' attrici ddikjarat ukoll illi s-socjeta' kovenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li b'digriet ta' l-4 t'April 2016 it-Tribunal awtorizza lis-socjeta' attrici biex tinnotifika lis-socjeta' konvenuta billi n-notifika ssir ghand is-Sur Francesco Baio. Ra wkoll illi awtorizza tali notifika sabiex issir skond il-procedura specifikata fir-Regolament 1393/2007/EC.

Ra wkoll illi l-istess Francesco Baio gie notifikat fis-27 ta' Settembru 2016 permezz tal-procedura appena msemmija, u li ma tressqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Novembru 2016.

Sema' x-xiehda ta' Melanie Pace, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta' konvenuta.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta' konvenuta, tas-somma ta' elf, mija u hamsa w sebghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€1,175.68) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40195374 moghtija mis-socjeta' attrici skond id-dokumenti annessi mat-talba promotrici:

2. Illi Melanie Pace kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, is-socjeta' intimata giet debitament notifikata bil-procedura tar-Regolament 1393/2007/EC u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Novembru 2016.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mis-socjeta' konventa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma

ta' elf, mija u hamsa w sebghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€1,175.68) bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-26 ta' Mejju 2014, u cioe' mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali 980/14, sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**